# Xogħlijiet ta' Ġużeppi Bonnici fil-knisja ta' San Gejtanu



Mario Fenech

Fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu fil-Ħamrun huma bosta dawk il-kwadri li għandhom valur artistiku għoli u li ħarġu minn idejn artisti magħrufa sew fil-qasam tal-arti.



*Il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju*

Wieħed minn dawn l-artisti li għandu diversi xogħlijiet f'din il-knisja huwa Ġużeppi Bonnici li pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, filwaqt li fuq l-artal tas-sagristija hemm il-kwadru tal-Konverżjoni ta' San Pawl. Xogħlijiet oħra ta' dan il-pittur fil-knisja parrokkjali huma l-kwadri ta' San Alwiġi Gonzaga, San Rafel kif ukoll il-kwadri tal-Via Sagra.

Ġużeppi Bonnici twieled l-Isla nhar il-11 ta' Diċembru tal-1835, iben Antonio u Karmena née Pappalardo. Kien l-iżgħar wild minn fost sitt'aħwa. Minn età żgħira diġà kien qed juri l-ġibda li kellu għall-arti.

Kien għalhekk, li l-familja tiegħu li kienet minn tat-tajjeb, bagħtitu jistudja Ruma għand l-artist magħruf Tommaso Minardi. Kemm dam f'Ruma għamel xi xogħlijiet fosthom il-kwadru taż-Żwieġ ta' San Ġużepp li għalih kien hemm kliem ta' tifħir minn kritiċi tal-arti.




*Wieħed mis-sett tal-kwadri tal-Via Sagra*

Lura f'Malta, Bonnici ma damx wisq biex jistabbilixxi ruħu sew fil-qasam tal-arti sagra. Matul il-karriera tiegħu minbarra numru ta' xogħlijiet li għamel fil-knejjes f'Malta, għamel ukoll xogħlijiet oħra f'Ruma, Napli, Messina, l-Eġittu u t-Turkija.

Dan il-fatt kien wassal biex il-Ħamruniżi meta kienu qegħdin jordnaw il-kwadri għall-knisja ta' San Gejtanu, jesprimu x-xewqa li jkollhom xi xogħlijiet minn tiegħu. Il-kwadru fuq l-artal tal-Madonna tar-Ružarju hu eżempju tax-xogħol sabiħ li kien kapaċi joħloq dan l-artist.

Fost il-knejjes l-oħrajn f'Malta u Għawdex li fihom hemm xogħlijiet tal-artist Ġużeppi Bonnici hemm dawk ta' Sant'Elena f'Birkirkara, ta' Marija Bambina fl-Isla, ta' Santa Marija fil-Mosta u tal-Qrendi, kif ukoll tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta.

Fil-preżent fil-knisja ta' San Gejtanu għaddej xogħol kbir ta' preservazzjoni tal-opri tal-arti, u b'hekk dan il-patrimonju qed jitħares b'mod xieraq għal dawk li għad iridu jiġu warajna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.